MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 96/1998/1

Giorgia Bajada,
U b'degriet tas-7 ta' Ottubru, 2005,
Il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem
Cecilia Bajada, Carmela xebba,
Maria Pawla armla ta' Anthony Buttigieg,
U Maria Giovanna mart Johy Mary Bajada
Aħwa Bajada, minflok Giorgia Bajada li
Mietet fil-mori tal-kawża.

vs

Joseph Vella,
Antonia Pace.

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-attriċi talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhomx ikunu kkundannati minn din il-Qorti jiżgombraw definittivament mill-fond mingħajr

numru uffiċjali fi Triq il-Kbira, Sannat, Għawdex, li kien preċedentement jinkera mill-attriċi lil ommkom Guseppa Vella liema lokazzjoni intemmet ma' mewtha u għalhekk previa d-dikjarazzjoni li l-istess fond qiegħed jiġi minnkom trattjenut mingħajr ebda titolu validu fil-Liġi.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali spediti f'Diċembru 1997 u f'April 1998.

Il-konvenuti mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qegħdin jiġu nġunti.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dan għaliex;

2. Fl-ewwel lok, l-attriċi ma hijiex proprjetarja tal-fond de quo, u lanqas ma għandha relazzjoni ta' sid ma kerrej fil-konfront tal-esponenti;

3. Fit-tieni lok, omm l-esponenti ma kenitx tokkupa l-fond de quo b'titolu ta' kera mingħand l-attriċi iżda b'titolu ieħor validu skond il-Liġi, liema titolu ċertament illi ma intemmx mal-mewt tagħha;

4. Fit-tielet lik, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk għall-grazzja tal-argument, Giuseppa Vella kienet tokkupa l-fond de quo b'titolu ta' kera din il-kera ma ntemmitx mal-mewt tagħha, kuntrarjament għal dak illi qegħda tippretendi l-attriċi.

5. salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u d-dokumenti oħra esebiti.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża ta' żgumbrament. Mill-provi mressqa rriżulta illi l-attriċi, u issa l-eredi tagħha li komplew il-kawża minflokha, stante li din mietet fil-mori tal-kawża, qed jilmentaw mill-fatt li l-konvenuti qed jokkupaw il-fond indikat fl-Avviż mingħajr ebda titolu validu fil-liġi. Il-konvenuti eċċepew fl-ewwel lok li l-attriċi ma kienitx il-proprjetarja tal-fond in kwistjoni u lanqas kellha relazzjoni ta' sid ma' inkwilin fil-konfront tagħhom. Imma l-attriċi, u issa l-eredi tagħha, jikkontendu illi dan il-fond huwa proprjeta' tagħhom, u ġie għandhom bis-saħħa tal-wirt. Jgħidu illi l-istess fond kien inkera għal xi żmien lill-omm il-konvenuti, imma peress illi dan ma kienx utilizzat għall-abitazzjoni, imma biss għat-trobbija ta' l-annimali, l-kera intemmet mal-mewt tagħha.

Huwa għalhekk essenzjali li qabel xejn jiġi stabilit xi drittijiet jista' jkollhom l-atturi fuq dan il-fond, li jintitolawhom jitolbu l-iżgumbrament tal-konvenuti minnu. Provi dokumentati dwar it-titolu ta' proprjeta' tagħhom fuq il-fond in kwistjoni, l-atturi ma kienux kapaċi jressqu. Huwa minnu illi jekk il-proprjeta' ma tkunx ġiet f'idejhom permezz ta' kuntratt, imma b'wirt ser ikun iktar diffiċċli għalihom li jipproduċu tali provi, sakemm l-istess proprjeta' ma tkunx issemmiet f'xi testment ta' l-aventi kawża tagħhom. Imma fil-każ tagħna l-atturi lanqas kienu almenu kapaċi jesebixxu kopja ta' xi denunzja tas-suċċessjoni li tindika l-istess proprjeta' bħala li tappartjeni lil dawn l-axxendenti tagħhom. Saret referenza biss għall-kuntratt ta' dikjarazzjoni *causa mortis* in segwitu għall-mewt ta' l-attriċi, fejn hemm referenza għal dan il-fond bħala li jifforma parti mill-assi ta' l-attriċi. Imma din id-dikjarazzjoni[1] li saret naturalment in segwitu għall-mewt ta' l-attriċi, u allura ferm wara li ġiet istitwita din il-kawża, ma tista' tkun ta' ebda solliev għall-atturi.

L-attriċi baqgħet qatt ma xehdet f'din il-kawża għax sfortunatament mietet b'disgrazzja fil-mori tal-kawża. Imma l-eredi tagħha jikkontendu illi dan il-fond, flimkien ma xi raba fil-Munxar, kienu ġew mikrija minn nannu ta' l-

[1] Ara kuntratt in atti Nutar Enzo Dimech tal-4.05.2005 Dok. D a fol. 77 - 79 tal-process .

attriċi lil Giuseppa Vella li kienet tiġi omm il-konvenuti. Infatti Cecilia Bajada, oħt l-attriċi qalet li tiftakar lill-oħtha tirċievi l-flus tal-kera u tirrilaxxja riċevuta lill-inkwilina.[2] Dan ġie konfermat f'iktar dettal minn John Mary Bajada, miżżewweġ lill-oħt l-attriċi, u jiġi wkoll hu l-imsemmija Giuseppa Vella. Fl-affidavit tiegħu jgħid illi:

"*Niftakar li bosta snin ilu, żgur li iktar minn sittin sena ilu, Michelangelo Bajada, in-nannu ta' marti kera lil oħti Giuseppa Vella d-dar mertu ta' din il-kawża li tinsab fi Triq il-Kbira, Sannat, Għawdex, flimkien ma' tomna raba maqsuma fi tlett appezzamenti… Dawn kollha inkrew b'lira tnax il-xelin u nofs.*

*Fiż-żmien li kriethom oħti Giuseppa Vella kienet għadha kif romlot. Hija kellha żewġt ulied li huma konvenuti f'din il-kawża - allura dawn kienu għadhom żgħar.*

*Id-dar krietha mhux biex tgħix fiha iżda biex fiha trabbi l-bhejjem. Naturalment ir-raba kien jinħadem. Fil-fatt jiena stess għamilit żmien naħdem l-artijiet. L-art "tal-Qsajjem" kienet inkriet lil ċertu Toni Debrincat. Naf li ghal xi zmien Toni Debrincat beda jiffitta lill-ohti biex inbieghwlu din l-art. Niftakar li- oħti tinsisti miegħu li hija ma setgħetx tbiegħlu xejn għaliex l-art kienet ta' Giusepp Bajada, 'il-Karu', dan Giusepp kien iben Michelangelo Bajada, missier l-attriċi odjerna. Fil-frattemp oħti baqgħet tħallas il-kera.*

*Niftakar li madwar għoxrin sena ilu oħti riedet tirrinunzja għall-kera ta' l-art. Hija kienet marret għand Guzepp Bajada u offriethomlu lura iżda dak weġibha li jew iċċedi kollox jew xejn…*" [3]

L-atturi jsostnu illi dan ix-xhud għandu jitwemmen għax huwa wieħed imparzjali. Imma billi hu miżżewweġ lill-oħt l-attriċi, u wieħed għandu jifhem li din wkoll tippretendi li hi komproprjetarja ta' dan il-fond, bħala ko-eredi ta' missierha, id-depożizzjoni ta' dan ix-xhud ma tistax tkun daqstant imparzjali.

---

[2] ara affidavit ta' Cecilia Bajada a fol. 81 tal-process .
[3] ara affidavit ta' John Mary Bajada a fol. 14 tal-process

Minn naħa l-oħra għandna lill-konvenuti li huma wkoll jippretendu li huma proprjetarji tal-fond in kwistjoni. Ghalkemm jammettu li jiftakru lill-ommhom tħallas xi kera lill-Giorgia Bajada, jsostnu li dan kien ikun għar-raba biss u mhux ukoll għall-fond in kwistjoni. Huma jinsistu anzi illi dan il-fond kien ġie akkwistat minn Giuseppa Vella mingħand ommha Franġiska. Imma lanqas huma ma setgħu jipproduċu ebda dokument in sostenn ta' dak li kienu qegħdin jallegaw.

F'tali ċirkostanzi ma jistax jingħad li l-atturi rnexxielhom jipproduċu evidenza sodisfaċenti biex jikkonvinċuha li huma għandhom xi dritt jitolbu l-iżgumbrament tal-konvenuti minn dan il-fond. Wieħed ma jridx jinsa li din mhix kawża rivendikatorja, u din il-qorti żgur li m'għandhiex kompetenza tistabilixxi lil min mill-kontendenti jappartjeni l-fond in kwistjoni. Għaldaqstant it-talba preżenti ta' l-atturi ma tistax tirnexxi.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-talba attriċi bl-ispejjeż kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------